**Stqarrija ghall-Media Kollha**

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita flimkien mal-iSpeech and Language Department tal-Dipartiment ghal Kura Primarja tad-Divizjoni tas-Sahha u l-iSpecial and Inclusive Education Network tad-Divizjoni tal-Edukazzjoni pprezentaw lill-pubbliku

## Il-Ktieb tas-Sinjali (Stampa u CD)

Il-persuni b'nuqqas intellettwali hafna drabi jsibuha aktar facli li jikkomunikaw permezz tas-sinjali milli permezz tal-kelma mitkelma. Xi drabi ukoll, l-uzu tas-sinjali tghinhom biex jibdew jikkomunikaw aktar permezz tal-kelma mitkelma.

Il-komunikazzjoni bejn il-bnedmin hi dritt u bzonn uman baziku u ghandha ssir b'kull mod li l-persuna thossha komda. Ghalhekk, l-edukaturi ta' persuni b'nuqqas intellettwali bdew juzaw sinjali biex jissapportjaw lil dawn il-persuni jikkomunikaw aktar mal-ohrajn. Permezz ta' din il-komunikazzjoni dawn il-persuni setghu mhux biss jizviluppaw aktar imma setghu ukoll itejbu l-edukazzjoni taghhom, inaqqasu l-frustrazzjonijiet rizultat ta' diffikultajiet biex tikkomunika, jkollhom sens akbar ta' indipendenza u fl-ahharnett tassigura kwalita' ta' hajja ahjar lilhom u lill-familji taghhom.

Ghal dan il-ghan, il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' gabet fondi mill-Programm tal-Unjoni Ewropea biex Tiggieled id-Diskriminazzjoni biex wara li sar l-istudju necassarju ppubblikat dan il-ktieb u CD b'madwar 400 sinjal li l-aktar huma uzati. Bhal ma' sar f'pajjizi ohra, dawn is-sinjali ttiehdu mil-Lingwa tas-Sinjali tal-pajjiz, f'dan il-kaz il-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Dan il-progett seta' jsehh ghax il-Kummissjoni sabet il-kooperazzjoni shiha tad-Dipartment tal-iSpeech and Language tad-Dipartiment ghal Kura Primarja tad-Divizjoni tas-Sahha mmexxi mis-Sinj Rita Micallef u tal-iSpecial and Inclusive Education Network tad-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni mmexxi mis-Sur George Borg. Mill-ewwel organizzazzjoni ta' min isemmi lis-Sur Rosario Mizzi li ha hsieb it-tpingija tas-sinjali kollha. Mit-tieni organizzazzjoni kien hemm il-kontribut konstanti tas-Sinj Marica Gatt li kemm bhala ghalliema kif ukoll bhal genitur ta' persuna li taghmel uzu minn dawn is-sinjali, hadmet biex dan il-progett ikun jista' jsehh. Is-Sinj Dorianne Callus, President tal-Ghaqda Persuni Neqsin mis-Smigh tat il-kontribut siewi taghha fl-iffilmjar tas-sinjali. Il-progett kollu gie kkordinat mis-sur Fred Bezzina.

Il-ktieb fih stampi ta' dawn is-sinjali bil-kliem miktub bil-Malti u bl-Ingliz waqt li c-CD fih l-istess tpingijiet akkumpanjati minn filmat qasir ta' kull sinjal. Wiehed jista' jaghzel is-sinjali li jrid mis-CD kemm jekk jaghzel il-kelma bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz.

Din il-prezentazzjoni saret waqt konferenza li l-kelliem principali taghha hi Dr Nicole Grove, mir-Renju Unit, is-Sibt, 23 ta' Settembru, 2006, Dar il-Mediterran ghal Konferenzi

Kopja ta' din il-prezentazzjoni doppja tinkiseb mill-ufficini tal-Kummissjoni.

Aktar informazzjoni: Fred Bezzina (79421088)